**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 27 ta' Frar 2025**

**Kawża Numru: 15**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 964/2024 JVC**

**Gerolama sive Gemma Bugeja (K.I. Nru. 0274550M)**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Gerolama talbet kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti Geroloma Bugeja, magħrufa bħala Gemma Bugeja, twieldet fil-25 ta' Frar tas-sena 1950;
2. Hija ġiet irreġistrata fir-Reġistru Pubbliku bl-isem ta' **Grolma**, u dan kif jidher mill-Att tat-twelid tagħha miżmum fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku li jġib in-numru elfejn seba' mija u ħamsa u erbgħin (2745), hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. GB1';
3. Illi fuq il-karta tal-identità tagħha bin-numru 0274550M hija qiegħda mniżżla bħala **Geroloma k/a Gemma Bugeja**, hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. GB2';
4. Illi fil-fatt l-esponenti dejjem ġiet imsejjħa bħala Gemma kemm fil-familja, fil-ħajja soċjali tagħha, u kif ukoll f'numru ta' dokumenti oħra li jappartjenu lill-esponenti, fejn ġie spjegat aħjar fl-affidavit tal-esponenti hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. GB3';
5. Illi tali inkonsistenza qiegħda tikkawża diffikultajiet prattiċi lill-esponenti, fosthom sabiex iġġedded il-karta tal-identità tagħha, u għalhekk hija għandha l-interess, skont il-liġi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li ssir id-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tagħha;

Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara li hemm ħtieġa li ssir annotazzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni li jġib in-numru ta' elfejn seba' mija u ħamsa u erbgħin (2745), fis-sens illi l-isem tal-esponenti 'Grolma' jinbidel għal dak ta' 'Gemma' u dan

peress illi l-esponenti minn dejjem kienet imsejjħa bl-isem ta' Gemma;

2. Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku illi fl-Att tat-Twelid odjern isiru annotazzjonijiet meħtieġa fis-sens illi fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejjħa" l-isem 'Grolma' jiġi kkanċellat u sostitwit bl-isem 'Gemma'; u
3. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex tali tibdil jiġi rifless fl-atti kollha tal-istat ċivili tal-esponenti.

Bl-ispejjeż kontra d-Direttur intimat li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti għandha tikkonferma jekk saritx pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi r-rikorrenti naqset milli tippreżenta l-Att tat-Twelid sħiħ, iżda ppreżentat biss estratt, liema estratt ma jinkludiex il-partikolaritajiet kollha, u l-anqas l-istess intestatura tal-kolonni tal-Att tat-Twelid bin-numru **2745/1950**. Għal kull buon fini l-esponent qiegħed jippreżentah bħala **Dok. DRP 1**;

3. Illi di piu, ir-rikorrenti naqset ukoll milli tippreżenta l-Atti oħra ta' Stat Ċivili tagħha fejn huwa ndikat isimha;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent irressaq is-segwenti eċċezzjonijiet mingħajr preġudizzju għal xulxin;

5. Illi fl-ewwel lok, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif ġew dikjarati fir-rikors promotur. Madanakollu, mill-atti u dokumentazzjoni fil-poteri tiegħu jirriżulta s-segwenti;

6. Illi minn dak li jirriżulta *ictu oculi,* skont l-Att tat-Twelid bin-numru **2745/1950,** jidher li l-attriċi, twieldet ġewwa Malta nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar 1950. Skont l-istess Att tat-Twelid, taħt il-kolonna 'Ismijiet mogħtija', hemm indikati l-ismijiet 'Grolma, Vincenzja, Sabrina', filwaqt illi taħt il-kolonna 'Isem jew Ismijiet kif għandha tissejjah' hemm indikat biss l-isem 'Grolma', u dana skont kif iddikjarat minn omm ir-rikorrenti 'Sabrina Galea nee' Mifsud', li kienet iddikjarat li ma tafx tikteb. Għaldaqstant ma jidher illi sar ebda żball mill-esponent Direttur tar-Reġistru Pubbliku meta ġie reġistrat dan l-Att tat-Twelid;

7. Illi r-rikorrenti ġiet indikata bl-isem 'Gerolama' fuq l-Att taż-Żwieġ tagħha bin-numru 306/1973, anness u mmarkat bħala **Dok. DRP 2**, kif ukoll fuq l-Att tat-Twelid tat-tielet wild tagħha 'Marisa' li għandu n-numru 2013/1986, anness u mmarkat bħala **Dok. DRP 3**, u fuq iċ-ċertifikat ta' Koabitazzjoni bin-numru 1/2023 tal-istess bintha 'Marisa' anness u mmarkat bħala **Dok. DRP 4**;

8. Illi kuntrarjament għall premess, ir-rikorrenti ġiet indikata bl-isem 'Gemma' fuq l-Atti tat-twelid ta' wliedha 'Patrick' u 'Charmaine', bin-numri 4932/1973, anness u mmarkat bħala **Dok. DRP 5** u 3664/1980, anness u mmarkat bħala **Dok. DRP 6** rispettivament, fejn ir-rikorrenti hija mniżżla bħala l-omm tal-istess 'Patrick' u 'Charmaine';

9. Illi *di piu*, r-rikorrenti ġiet indikata ukoll bl-isem 'Gemma' fuq l-Att taż-Żwieġ ta' bintha 'Charmaine' bin-numru 2247/2008, anness u mmarkat bħala **Dok. DRP 7**, u dan hekk kif jirriżulta mill-atti li ġew preżentati mir-rikorrenti stess.

10. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent qiegħed jirrimetti ruħu għat-talbiet kollha magħmulha mir-rikorrenti, salv it-tielet talba, jekk din l-Onorabbli Qorti tkun sodisfatta sal-grad rikjest mil-liġi li r-rikorrenti, għal kuntrarju ta dak li hu mniżżel fl-Att tat-Twelid tagħha , hija verament **kienet u għadha** konsistentement magħrufa u imsejħa bl-isem **'Gemma'** u mhux bl-isem **'Grolma'**

11. Illi **fir-rigward tat-tielet talba**, sabiex l-esponent Direttur, ikun f'pożizzjoni li jirrifletti t-tibdil fl-Att tat-Twelid fuq Atti ta' Stat Ċivili oħra relattivi għar-rikorrenti, jekk dejjem dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet preċedenti, jkun jeħtieġ illi r-rikorrenti, **permezz ta' nota tippreżenta l-Atti kollha ta' Stat Ċivili li fuqhom jeħtieġ li jsir tibdil f'isimha u fl-istess nota tispeċifika n-numru progressiv u s-sena ta' kull wieħed, u dana sabiex l-istess Direttur tar-Reġistru Pubbliku ikun f'-pożizzjoni illi jagħmel l-annotazzjonijiet rispettivi fuq dawn l-Atti ta' Stat Ċivili**;

12. Illi finalment, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ u kif spjegat aktar qabel, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tal-esponent u <u>għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti</u>;

13. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont l-liġi;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 15 tal-proċess b'dana li l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur intimat ġiet sorvolata.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors ġuramentat fost oħrajn il-karta tal-identita' tar-rikorrenti li ġia turi li r-rikorrenti hija magħrufa bħala 'Gemma'.

Rat l-affidavit tar-rikorrenti fejn hija tispjega li sa minn meta kienet żgħira minn dejjem kienet magħrufa bl-isem ta' 'Gemma' u mhux bl-isem ta' 'Gerolama'.

Rat id-dokumentazzjoni l-oħra bl-isem ta' 'Gemma' jew li hija magħrufa bħala 'Gemma'.

Rat illi permezz ta' nota preżentata fis-seduta tallum stess ġew preżentati ċ-ċertifikati li hemm bżonn illi jiġu korretti fit-termini tat-talba tar-rikorrenti.

Rat ukoll kopji tal-atti oriġinali konċernati esebiti mar-risposta tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li saħansitra uħud minnhom juru isem ir-rikorrenti bħala 'Gemma'.

Illi in vista ta' dan kollu l-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tgħaddi biex tilqa' l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad ir-risposta tad-Direttur intimat sakemm din hija nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li hemm ħtieġa li ssir annotazzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni li jġib in-numru ta' elfejn seba' mija u ħamsa u erbgħin (2745) tas-sena elf disa' mija u ħamsin (1950), fis-sens illi l-isem tal-esponenti 'Gerolama' jinbidel għal dak ta' 'Gemma' u dan peress illi l-esponenti minn dejjem kienet imsejjħa bl-isem ta' 'Gemma';

3. Tilqa' t-tieni talba w tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku illi fl-Att tat-Twelid odjern isiru annotazzjonijiet meħtieġa fis-sens illi fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejjħa" l-isem 'Gerolama' jiġi kkanċellat u sostitwit bl-isem 'Gemma';

4. Tilqa' it-tielet talba limitatament għall-atti fil-poter tad-Direttur intimat;

5. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**6.** Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta' Frar 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**27 ta' Frar 2025**